MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Numru 490/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**Joseph Gafa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Gafa ta' 50 sena bin Joseph u Beatrice nee' Ferriggi imwieled Marsa fl-14 ta' Gunju, 1955 u li joqghod 152 Triq Manoel De Vilhena, Gzira. I.D. 446155M gie akkuzat:

Talli nhar fis-27 ta' Lulju 2002 u matul ix-xhur ta' qabel gewwa l-fond 152 Triq Manoel De Vilhena, Gzira, b'diversi

azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala sid il-post jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku, minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghal aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur.  Talli ukoll fl-istess data, zmien u cirkustanzi, volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan billi kisser jew ghamel hsara f'dan l-apparat, liema hsara tammonta ghal aktar minn LM50 izda anqas minn LM500, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita, tordna lill-hati jhallas l-ispejjez peritali ghat-termini ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok FM2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263, 264(2), 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281(b) u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Gafa, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Joseph Gafa taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Joseph Gafa ihallas minnufih lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' tmienja u sittin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmi (Lm68.88) bhala spejjez inkorsi rigward l-inkarigu tal-Perit Tekniku Horace J. Anastasi nominat fl-Inkjesta li l-Process Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RB1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Gafa l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------